LUQA

Minuti tal-Laqgħa Nru.25 tar-Raba' Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 20 ta' Ġunju 2006 fil-4.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe Piscopo A.Mus.L.C.M. |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Silvio Schembri (ħa postu fil-5.10 p.m.)<br>Is-Sur Joe Camilleri<br>Is-Sur Raymond Saliba |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |
| **Skużata:** | Is-Sinjura Monica Camilleri |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mistoqsijiet
5. Rapport Amministrattiv 2005/2006
6. SkolaSajf
7. Mozzjonijiet
8. Ħlasijiet

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 24 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joe Piscopo u ssekondata mis-Sur Joe Camilleri.

## 2. RIFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Is-Sur Victor Caruna għamel referenza għall-para. 2.2 u 2.3 tal-Minuti u fl-istess waqt irrefera għal kopja ta' ittra li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien bagħat lill-Kunsill wara investigazzjoni li l-istess Dipartiment kien għamel fuq allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet fl-operat tal-Kunsill.

2.2 Dwar dak li qal is-Sur Caruana, is-Sindku John Schembri qal li s-Sur Caruana jmissu jara l-ittra li l-Kunsill bagħat lid-Direttur tad-Dipartiment fejn għamililu ċar li l-investigazzjoni saret minn wara dahar is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv li la qatt ma ġew ikkunttattjati dwar l-investigazzjoni u lanqas qatt ma ngħataw iċ-ċans li jesponu l-fatti kif titlob soċjeta' demokratika. Id-Direttur kien pront irrejaġixxa għall-ittra tagħna, tant li l-għada ċemplilna għal laqgħa miegħu. Is-Sur Caruana jmissu jara wkoll l-ittra tat-tweġiba li tana l-istess Direttur fejn esprima s-sodisfazzjon tiegħu u mhux jirreferi għall-ittra ta' l-allegazzjonijiet.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza li daħlet sal-20 ta' Ġunju 2006, fosthom :

a) E-mail mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li titlob biex isiru l-arranġamenti meħtieġa għat-tiġdid tal-kuntratt ta' l-E-Id li ġie approvat unanimament fil-laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki li saret Għawdex.
b) Ittra mill-MEPA li tavża li l-Appell rigward Ħal Farruġ se jinstema' l-Erbgħa 28 ta' Ġunju 2006 fit-3.30 p.m.
c) E-mail mingħand Captain Morgan li tikkonferma d-data tat-13 ta' Lulju 2006 bħala l-jum għall-ħarġa tal-persuni bi bżonnijiet specjali.
d) ittra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li tinforma lill-Kunsill illi t-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern ma laqgħatx it-talba tal-Kunsill Lokali Luqa għad-devoluzzjoni ta' art li tinsab fi Triq San Tumas li l-Kunsill ried jiżviluppa bħala Kumpless Sportiv.
    - Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha li daħlet mill-MEPA wara li din ġiet ivverifikata mis-Sur Victor Caruana.

3.2 Is-Sur Silvio Schembri informa lill-Kunsill dwar korrispondenza li rċieva mill-Istitut "Paolo Baffi" ta' Fiumicino dwar il-proġett ta' skambju ta' studenti. Qal li l-Aġenzija Nazzjonali Taljana approvat il-proġett li jibagħat Malta għaxar (10) studenti: ħamsa (5) fl-4 ta' Marzu 2007 u ħamsa (5) oħra f'Settembru ta' l-istess sena. Kull grupp idum erba' (4) ġimgħat hawn Malta. Qal ukoll li għall-aħħar t'Awissu 2006 għandha tiġi delegazzjoni minn Fiumicino bi tħejjija għaż-żjara ta' l-istudenti u ta' proġetti oħrajn bejn iż-żewġ naħat.

## 4. MISTOQSIJIET

4.1 Is-Sur Joe Camilleri staqsa jekk din is-sena l-istatwa ta' Sant'Andrija li hemm fi Triq il-Karmnu hux se tiġi maħsula. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv.

4.2 Is-Sur Joe Camilleri staqsa jekk issa, li għaddew it-tliet xhur li matulhom kellu jiġi reġistrat progress mill-impjegati tal-Kunsill, sarx dan il-progress ħalli jkun jistgħu jingħataw il-performance bounus.

4.2.i Is-Segretarju Eżekuttiv bil-permess tas-Sindku, qal li dwar progress jiddependi x'tip ta' progress wieħed ikun qed jistenna jew jippretendi, speċjalment meta minn fost l-impjegati jkun hemm min mill-karattru tiegħu stess ma jafx jieħu inizjattiva u ma jkunx maqtugħ għax-xogħol ta' uffiċċju. Fil-każ tagħna għandna mpjegata (Ingrid Borg) li tieħu inizjattiva fix-xogħol u dak kollu li tqabbadha tagħmlu u tistaqsi x'tista' tagħmel, filwaqt li l-oħra tillimita ruħha għall-ħlas taċ-ċitazzjonijiet u kirijiet tal-Gvern billi tagħfas il-buttuni tal-keyboard. Għalhekk fir-rigward ta' peformance bonus ma nirrakkomandax li dan jingħata.

4.2.ii Wara diskussjoni twila li matula saru diversi suġġerimenti ta' kif jista' jitjieb ir-rendiment ta' l-istaff, il-Kunsill iddeċieda li jagħti ċans sa xahrejn oħra qabel jara x'miżuri jistgħu jittieħdu u li sadattant is-Segretarju Eżekuttiv ikellem liż-żewġ impjegati separtament u/jew flimkien fil-preżenza tal-Viċi Sindku Joe Piscopo u l-Kunsillier Victor Caruana.

4.3 Il-Kunsill qabel ma' suġġeriment tas-Sur Victor Caruana li tintbagħat ittra lill-ADT biex isir "no parking" fi Triq Valletta faċċata ta' fejn se ssir il-crash-barrier, kif wkoll dwar crash barrier li trid issir fi Triq il-Ġdida kantuniera ma Triq Gużeppi Penza.

4.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li peress li bħalissa qed isir xogħol fuq il-bdil ta' l-mejns ta' l-ilma fi Triq Ġużeppi Ellul, huwa ppropona li jingħata metru tarmac biex flimkien mat-tarmac li jingħata mill-Kuntrattur tal-WSC jingħaqad sa nofs it-triq. L-istess isir fi Triq Sir Ugo Mifsud peress li naħa waħda tat-triq mhix residenzjali.

4.4.i Is-Sur Victor Caruana issuġġerixxa li fi Triq Sir Ugo Mifsud ma' dik il-parti li se tingħata bit-tarmac issir ukoll il-bankina.

4.4.ii Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku. Is-Sur Victor Caruana qabel ukoll mal-proposta imma fir-rigward ta' Triq Sir Ugo Mifsud issir ukoll il-bankina ta' dik il-parti tat-triq li se tingħata bit-tarmac.

4.5 Wara li talab u ngħata l-permess tas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li bħala "refurbishment" tal-bini tal-Kunsill isir b'mod li l-premises jiġu fuq il-ġebla. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta u li jintalab is-servizz ta' designer qabel jingħata bidu tax-xogħol.

LUQA

## 5. RAPPORT AMMINISTRATTIV 2005/2006

5.1 Is-Sindku qal li kopja tar-Rapport Amministrattiv għas-Sena 2005/2006 kienet intbagħtet lill-Kunsillieri minn qabel u għalhekk għandu jittieħed bħala moqri.

5.2 Wara diskussjoni fuq ir-rapport, dan ġie approvat unanimament.

## 6. SKOLASAJF

6.1 Is-Sindku qal li kien kellem lil Mrs Tedesco fejn talabha l-użu ta' żewġ klassijiet biex Skolasajf din is-sena ssir fil-bini ta' l-Iskola Primarja. Qal ukoll li tweġiba definita dwar din it-talba għandha tingħata sat-Tnejn, 26 ta' Ġunju 2006 wara li jkun iltaqa' l-Kunsill ta' l-Iskola. Is-Sindku kkonferma li Skolasajf se tkun miftuħa għal tfal ta' bejn 3 u 6 snin.

## 7. MOZZJONIJIET

7.1 Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Monica Camilleri u ssekondata mis-Sindku John Schembri tgħid: **li l-Kunsill japprova li jintroduċi servizz ta' transport għal Birzebbuga u lura kull nhar ta' Ħamis, bejn is-1.30 p.m. u s-6.00 p.m. mill-20 ta' Lulju 2006 sa l-aħħar Ħamis tax-xahar ta' Awissu 2006.**

7.1.i Wara li s-Sindku introduċa u tkellem fuq il-mozzjoni, saret diskussjoni twila li wasslet biex titressaq emenda għall-mozzjoni. L-emenda mressqa mis-Sur Victor Caruana u ssekondata mis-Sur Joe Piscopo tgħid li ''filwaqt li taqbel fil-prinċipju mal-mozzjoni, is-servizz għandu jsir kull nhar ta' Ħadd bejn is-2.00 p.m. u return trip fit-8.30 p.m. mis-16 ta' Lulju sa l-aħħar Ħadd t'Awissu." Il-Kunsill approva l-mozzjoni kif emendata.

7.1.ii Sadattant il-Kunsill qabel ukoll li jara l-ispiża nvoluta għal kull vjaġġ ħalli jkun f'qagħda li jiddeċiedi jekk it-trasport ikunx bla ħlas għall-passiġġieri. Ġie nnotat ukoll li għal dan is-servizz għandha tinkiteb ittra lill-Assocjazzjoni għat-Trasport Pubbliku.

7.2 Mozzjoni oħra kienet dik imressqa mis-Sur Joe Camilleri u ssekondata mis-Sur Silvio Schembri li tgħid: **li jiġi organizzat football tournament għal matul ix-xhur tas-Sajf.**

7.2.i Dwar din il-mozzjoni, li ġiet approvata unanimament, is-Sur Joe Camilleri qal li dan se jkun 5-A Side Tournament, Under 18, u se jintlagħab bejn sitt (6) Kunsilli fil-ground ta' Santa Luċija.

7.3 Il-Kunsill approva mozzjoni oħra mressqa mis-Sur Silvio Schembri u ssekondata mis-Sur Raymond Saliba li tgħid: **il-Kunsill japprova li anke din is-sena ssir il-ħarġa kulturali għal Għawdex.**

LUQA

7.4 Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u ssekondata mill-Viċi Sindku Joe Piscopo tgħid: **li l-Kunsill jaqbel mat-talba tas-Soċjeta Filarmonika "l-Unjoni" u juri d-diżapprovazzjoni għall-iżvilupp propost fis-sit Map 20 A.**

7.4.i Is-Sindku qal li ħass li għandu jressaq din il-mozzjoni wara ittra li rċieva mis-Soċjeta li hija mħassba ħafna bil-proposta ta' l-awtoritajiet ċentrali. Dan għaliex il-proposta tfisser iżjed tnaqqir mill-wied u tirristrinġi l-funzjoni ta' dawk li jaħdmu n-nar ta' l-ajru f'isem is-Soċjeta li dejjem tat kontribut lill-qasam kulturali.

7.4.ii Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

## 8. ĦLASIJIET

8.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sal-20 ta' Ġunju 2006 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-6.45 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

Konfermati llum_____ ta' Lulju 2006.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |